

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Giulio Gambettola (Los Realejos, Spanja) (rappreżentant: F. Brandolini Kujman, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Mejju 2009 (Każ R 632/2008-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Carrols Corp. u Giulio Gambettola.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Carrols Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 220, 12.09.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2012 — mtronix vs UASI — Growth Finance (mtronix)

(Kawża T-353/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali mtronix — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti Montronix — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 73/52)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: mtronix OHG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Schnetzer, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schöffner, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Growth Finance AG (Zug, l-Isvizzera)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-23 ta' Ġunju 2009 (Każ R 1557/2007-4), dwar proċediment ta' oppożizzjoni bejn Growth Finance AG u mtronix OHG.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) mtronix OHG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 282, 21.11.2009

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Jannar 2012 — Spar vs UASI — Spa Group Europe (SPA GROUP)

(Kawża T-378/09) (¹)

(“Trade Mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja SPA GROUP — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti SPAR — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Probabbiltà ta' xebh bejn sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009”)

(2012/C 73/53)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Spar Handelsgesellschaft mbH (Schenefeld, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Kaase u J. C. Plate, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Spa Group Europe Ltd & Co. KG (Nürnberg, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Ewwel Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI tas-16 ta' Lulju 2009 (Każ R 123/2008-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Spar Handelsgesellschaft mbH u Spa Group Europe Ltd & Co. KG.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Spar Handelsgesellschaft mbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 282, 21.11.2009.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Jannar 2012 — Cervecería Modelo vs UASI — Plataforma Continental (LA VICTORIA DE MEXICO)

(Kawża T-205/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali LA VICTORIA DE MEXICO — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti li tinkludi l-element verbali ‘victoria’ u trade mark nazzjonali verbali preċedenti VICTORIA — Rifjut parzjali ta' reġistrazzjoni — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh tas-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2012/C 73/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Cervecería Modelo, SA de CV (Messiku, il-Messiku) (rappreżentant: C. Lema Devesa, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Plataforma Continental, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentant: P. González Bueno Catalán de Ocón, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI, tal-5 ta' Marzu 2010 (Każ R 322/2009-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Plataforma Continental, SL u Cervecería Modelo, SA de CV.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Cervecería Modelo, SA de CV hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 179, 03.07.2010

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Diċembru 2011 — Dimension Data Belgium vs Il-Parlament

(Kawża T-650/11)

(2012/C 73/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Dimension Data Belgium SA (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: P. Levert u M. Velghe, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, innotifikata lir-rikorrenti permezz ta' posta elettronika tat-18 ta' Ottubru 2011, li tiċħad l-offerta tar-rikorrenti għal-lott Nru 1 tal-kuntratt PE-ITEC-DIT-ITIM-TELSIS u li tagħti l-lott Nru 1 tal-imsemmi kuntratt lill-kumpannija BT Belgique;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinwoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata peress li l-Parlament ma kkomunikax lir-rikorrenti ebda karatteristika tal-offerta magħżula.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' trasparenza li għandu l-Parlament taħt l-Artikoli 89, 92, 97 u 100 tar-Regolament Finanzjarju (¹) u l-Artikolu 138 tar-Regoli ta' Implementazzjoni (²), peress li l-Parlament ma ddefinixxix b'mod ċar, komplet u preċiż il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-prezz tal-offerti.

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fid-definizzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-kwalità tal-offerti kif ukoll ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-Artikolu 138(2) tar-Regoli ta' Implementazzjoni, peress li l-awtorità kontraenti ħadet inkunsiderazzjoni kriterju ta' evalwazzjoni li ma kienx intiż li jidentifika l-offerta li hija l-iktar vantaġġuża ekonomikament.

(4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kwalità tal-offerti finanzjarji u ta' ksur tal-Artikolu 139 tar-Regoli ta' Implementazzjoni billi l-lott Nru 1 tal-kuntratt ikkontestat ingħata lill-kumpannija BT Belgique, peress li l-offerta tagħha hija baxxa b'mod anormali b'tali mod li għandha tiġi miċħuda mill-Parlament jew, fin-nuqqas ta' dan, għandha titqies bħala mhux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/2002, tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74).

(²) Regolament tal-Kummissjoni (KE, EURATOM) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 145).

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Diċembru 2011 — Technion — Israel Institute of Technology u Technion Research & Development vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-657/11)

(2012/C 73/56)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Technion — Israel Institute of Technology (Haifa, Iżrael) u Technion Research & Development Foundation Ltd (Haifa) (rappreżentanti: D. Grisay u D. Piccininno, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tilqa' dan ir-rikors għal annullament ibbażat fuq l-Artikolu 263 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u,

— prinċipalment, tiddikjara r-rikors fondat u tannulla d-deċiżjoni tad-Direttorat Ġenerali tas-Soċjetà tal-Infommazzjoni u tal-Midja tal-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Ottubru 2011;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.